



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0264/2013

16.7.2013

RAPPORT

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-Parlament fil-proċedura ta' ħatra tad-Direttur Eżekuttiv futur tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent – emenda għall-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (2013/2089(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Matthias Groote

(Inizjattiva – Artikolu 42 tar-Regoli ta' Proċedura)

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNES GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	9
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	10

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-Parlament fil-proċedura ta' ħatra tad-Direttur Eżekuttiv futur tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent – emenda għall-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (2013/2089(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent¹,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012,
 - wara li kkunsidra l-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tad-19 ta' Lulju 2012,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0264/2013),
- A. billi ma hemm l-ebda dispożizzjoni fir-Regolament (KE) Nru.401/2009 li tagħti lill-Parlament Ewropew id-dritt formali li jisma' l-kandidat magħżul biex jinħatar bħala Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;
1. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq kemm jista' jkun malajr, fuq il-bażi tal-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att li jemenda r-Regolament (KE) Nru.401/2009 fir-rigward tal-proċedura għal ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, wara r-rakkomandazzjonijiet dettaljati stipulati fl-Anness tiegħu;
 2. Jinnota li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' sussidjarjetà;
 3. Iqis li l-proposta mitluba m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja.

¹ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi magħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

ANNES GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI GĦAT-TFASSIL TA' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JEMENDA R-REGOLAMENT (KE) NRU.401/2009 DWAR L-AĠENZIJA EWROPEA GĦALL-AMBJENT U N-NETWERK EWROPEW TA' INFORMAZZJONI U OSSERVAZZJONI TAL-AMBJENT FIR-RIGWARD TAL-PROCĊEDURA GĦALL-ĦATRA TAD-DIRETTUR EŻEKUTTIV

A. PRINĊIPJI U GĦANIJIET TAL-PROPOSTA MITLUBA

1. L-għan ta' din il-proposta huwa li tallinja l-proċedura għal ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent mal-proċeduri li qed jintużaw għad-Diretturi Eżekuttivi tal-aġenziji l-oħra, bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, b'mod partikolari sabiex il-Parlament Ewropew jingħata d-dritt formali li jisma' l-kandidat magħżul għall-kariga mill-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent qabel il-ħatra tiegħu jew tagħha.

B. TEST TAL-PROPOSTA MITLUBA

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru.401/2009 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent fir-rigward tal-proċedura għal ħatra tad-Direttur Eżekuttiv

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-talba tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni Ewropea¹,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

¹ ĠU ...

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru.401/2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent³ ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni li tagħti lill-Parlament Ewropew dritt formali biex jisma' l-kandidat magħżul biex jinħatar Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent qabel il-ħatra tiegħu jew tagħha.
- (2) Bi qbil mal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea⁴, il-kandidati għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-aġenziji regolatorji għandhom imorru għas-seduti ta' smiġh tal-kumitati parlamentari.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 huwa verżjoni kodifikata tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent⁵. Mid-dħul fis-seħħ ta' dak l-att, regolamenti oħrajn li jistabbilixxu aġenziji oħrajn, bħal b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru.1907/2006⁶ dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, ir-Regolament (KE) Nru.726/2004⁷ dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u r-Regolament (KE) Nru.178/2002⁸ dwar l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, inkludew id-dispożizzjoni li kandidat innominat mill-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija huwa mistieden jaġmel dikjarazzjoni lill-Parlament Ewropew u biex iwieġeb mistoqsijiet imressqa mill-Membri.
- (4) Hija prattika stabbilita li l-kandidat magħżul għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv mill-Bord Maniġerjali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jiġi mistieden mingħajr dewmien għal seduta ta' smiġh quddiem il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew.
- (5) Bil-kontra ta' regolamenti aktar reċenti li jistabbilixxu aġenziji oħrajn, bħal b'mod

¹ ĠU ...

² ĠU ...

³ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

⁴ ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

⁵ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

⁶ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, (*ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1*).

⁷ Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (*ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1*).

⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (*ĠU L 31 1.2.2002, p. 1*).

partikolari l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Artikolu 9 tar-Regolamenti (KE) Nru.401/2009 wkoll ma jispeċifikax ir-rekwiżit li l-Kummissjoni tagħżel il-kandidat għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent wara sejħa għal applikazzjonijiet minn dawk interessati ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u f'rivisti oħra jew siti tal-Internet.

(6) Huwa għalhekk xieraq li tiġi allinjata l-proċedura għal haħra tad-Diretturi Eżekuttivi futuri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent mal-proċeduri għal haħra tad-Diretturi Eżekuttivi ta' aġenziji oħrajn, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-Parlament Ewropew.

(7) B'hekk, ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emenda għar-Regolament (KE) Nru 401/2009

Fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 401/2009, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Aġenzija għandha titmexxa minn Direttur Eżekuttiv maħtur mill-Bord Maniġerjali fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u f'rivisti oħra jew siti tal-Internet. Il-mandat tad-Direttur Ġenerali għandu jkun ta' ħames snin u jista' jiġġedded darba.

Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali għandu jiġi mistieden kemm jista' jkun malajr sabiex jagħmel stqarrija quddiem il-Parlament Ewropew u sabiex iwieġeb mistoqsijiet mill-Membri tiegħu.

Qabel seduta ta' smiġh li se ssir quddiem **il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-kandidat għandu jipprova** pjan direzzjonali bil-miktub li jiġbor fih l-istrateġija tiegħu għall-mandat tiegħu ta' ħames snin.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jitlob lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-Artikolu 225 tat-Trattat, biex tressaq proposta leġiżlattiva biex temenda l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru.401/2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA).

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament jiddeskrivi l-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-EEA u attwalment ma jinkludi l-ebda rekwiżit għall-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali tal-EEA biex jinstema' mill-korp kompetenti tal-Parlament Ewropew qabel il-ħatra tiegħu jew tagħha.

Dak ir-rekwiżit huwa madankollu preżenti fir-regolamenti li jstabbilixxu aġenziji oħra, bħal b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, li huma wkoll ir-responsabilità tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) tal-Parlament. Fil-fatt, in-nuqqas ta' referenza speċifika għas-seduta ta' smiġħ tal-Parlament hija l-aktar minħabba l-fatt li r-Regolament li jstabbilixxi l-EEA huwa eqdem mir-regolamenti li jstabbilixxu l-aġenziji l-oħra, li jmur lura (fil-verzjoni oriġinali tiegħu) għall-1990.

Barra minn hekk, li jkun hemm seduta ta' smiġħ tad-Direttur Eżekuttiv nominat tal-EEA hija diġà Prattika stabbilita: per eżempju, matul il-proċedura għal ħatra tad-Direttur Eżekuttiv il-ġdid fl-2013, l-avviż ta' kariga battala għall-kariga ppreveda tali seduta ta' smiġħ fil-Parlament Ewropew, li saret fil-Kumitat ENVI fid-19 ta' Frar 2013.

Wara s-seduta ta' smiġħ, il-koordinaturi tal-Kumitat qajmu l-kwistjoni dwar aġġornament tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru.401/2009, sabiex il-proċedura għal ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-EEA tiġi allinjata mal-proċeduri li qed jintużaw għad-Diretturi Eżekuttivi tal-aġenziji l-oħra li huwa responsabbli għalihom l-ENVI, b'mod partikolari biex il-Parlament Ewropew jingħata d-dritt formali li jisma' l-kandidat magħżul għall-kariga mill-Bord Maniġerjali tal-EEA qabel il-ħatra tiegħu jew tagħha. Fit-13 ta' Marzu 2013, il-Konferenza tal-Presidenti qablet mal-opinjoni tal-koordinaturi ENVI u ħeġġet lill-Kumitat ENVI biex iressaq proposta ħalli jiġi emendat ir-Regolament li jwaqqaf l-EEA.

Finalment, bil-kontra ta' regolamenti aktar reċenti li jstabbilixxu aġenziji oħrajn, l-Artikolu 9 tar-Regolamenti (KE) Nru.401/2009 ma jispeċifikax li l-Kummissjoni tagħżel il-kandidat għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-EEA wara sejħa għal applikazzjonijiet minn dawk interessati ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u f'rivisti oħra jew siti tal-Internet. Għalhekk din tista' tkun l-okkażjoni biex, f'dan ir-rigward, jiġi aġġornat ukoll ir-Regolament EEA għal Prattika aktar reċenti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	10.7.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 64 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Martina Anderson, Kriton Arsenis, Pilar Ayuso, Sergio Berlato, Franco Bonanini, Biljana Borzan, Milan Cabrnock, Martin Callanan, Nessa Childers, Chris Davies, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Klauß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvile Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Andrés Perelló Rodríguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seiber, Bogusław Sonik, Salvatore Tatarella, Glenis Willmott, Sabine Wils
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Christofer Fjellner, Gaston Franco, Julie Girling, Jutta Haug, James Nicholson, Vittorio Prodi, Christel Schaldemose, Renate Sommer, Bart Staes, Rebecca Taylor, Marianne Thyssen, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt